# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda minuri ppubblikata skont il-ħames sottoparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014**

(2016/C 184/10)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri f'konformità mat-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 [1]

APPLIKAZZJONI GĦAL APPROVAZZJONI TA' EMENDA MINURI

**Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [2]

**"PEMBROKESHIRE EARLIES"/"PEMBROKESHIRE EARLY POTATOES"**

**Nru tal-UE: PGI-GB-02098 — 8.12.2015**

**DOP ( ) IĠP ( X ) STG ( )**

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

Isem: Puffin Produce Ltd
Indirizz: Withybush Industrial Estate
Haverfordwest
Pembrokeshire
SA62 4BS
UNITED KINGDOM

Telefon: +44 1437766716
Faks: +44 1437767319
E-Mail: info@puffinproduce.com

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Ir-Renju Unit

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

— ☐ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Prova tal-oriġini

— ☒ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☐ Tikkettar

— ☐ Oħrajn [iridu jiġu speċifikati]

4. **Tip ta' emenda/i**

— ☒ Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew ta' IĠP irreġistrata li trid titqies bħala emenda minuri skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li ma teħtieġ l-ebda emenda fid-dokument uniku ppubblikat.

— ☐ Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew ta' IĠP irreġistrata li trid titqies bħala emenda minuri skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li teħtieġ emenda fid-dokument uniku ppubblikat.

(1) ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.
(2) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

— ☐ Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew ta' IĠP irreġistrata li trid titqies bħala emenda minuri skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li għaliha ma jkunx ġie ppubblikat dokument uniku (jew ekwivalenti).

— ☐ Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' STG irreġistrata li trid titqies bħala emenda minuri skont ir-raba' sottoparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

5. **Emenda/i**

Fit-Taqsima 4.5 Metodu ta' Produzzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. It-test oriġinali jiddikjara:

*Preparazzjoni tal-Ħamrija*

"Il-preparazzjoni tal-ħamrija tibda f'Jannar bil-ħart. Imbagħad, l-għalqa titħalla esposta għall-kundizzjonijiet tat-temp sabiex il-ħamrija mqallba titfarrak…"

It-test emendat għandu jiddikjara:

"Mill-ħarifa 'l quddiem, il-preparazzjoni tal-ħamrija tibda bil-ħart. Imbagħad, l-għalqa titħalla esposta għall-kundizzjonijiet tat-temp sabiex il-ħamrija mqallba titfarrak…"

Ir-raġuni għalfejn din l-emenda hija meħtieġa hi li għal xi Pembrokeshire Earlies/Pembrokeshire Early Growers (b'mod partikolari dawk tal-kosta ta' Pembrokeshire) il-ħart jibda iktar kmieni miż-żmien li ġie ddikjarat fl-Ispeċifikazzjoni oriġinali tal-Prodott.

6. **Speċifikazzjoni aġġornata tal-prodott (għad-DOP u għall-IĠP biss)**

https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/488435/20151208-pembrokeshire-earlies-pgi-amendment-spec.pdf